MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Numru. 466/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa’**

**vs**

**Jacob sive Jimmy Grech**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Jacob sive Jimmy Grech ta’ 49 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Azzopardi imwieled Bormla fit-23 ta’ Mejju 1955, residenti f’ numru 24, Palm Street, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 368255 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Gunju 2004 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, mghaxxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-Ligi;

2. B' hekk huwa, Jacob Grech, kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Gunju 2003.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Gunju 2004 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Ghall-habta tas-6 ta’ Gunju 2004, il-Pulizjia inghatat informazzjoni li waqt party li kien qed isir Hal-Far xi membri tal-korp tal-Pulizija semghu lill-imputat jiftahar li kien isellef il-flus fuq l-idejn. L-Ispettur Angelo Gafa’ baghat minnufih ghall-imputat, dan mar volontarjament u mal-ewwel ammetta li ma kienx jahdem u li kien ilu zmien twil isellef il-flus fuq l-idejn b’rati tal-imghax ferm ghola minn dak li tippermetti l-Ligi, u cioe’ b’rata ta’ bejn ghoxrin u tletin fil-mija fis-sena. Huwa ammetta wkoll li kien izomm records tan-nies li kellhom jaghtuh il-flus u l-ammonti li kellhom jithallsu. Huwa fil-fatt mal-ewwel ikkonsenja lill-Pulizjia xi notamenti li kellu fir-rigward (vide dokumenti esebiti a fol. 17 u 18 tal-process), informa lill-Pulizija li kellu xi kotba ohra id-dar u fil-fatt gie akkompanjat mill-Pulizjia fir-residenza tieghu fejn ikkonsenja l-imsemmija kotba (vide dokumenti esebiti a fol. 19 tal-process) lill-Pulizija. Meta l-Pulizija ikkomunikat ma’ xi nies li kien hemm indikati id-dettalji taghhom fuq il-kotba misjuba fir-residenza tal-imputat dawn ilkoll ikkonfermaw li kienu jisselfu l-flus minghand l-imputat b’rati ta’ imghax oghla minn dak permess mill-Ligi izda dawn ilkoll ikkonfermaw li kienu huma li avvicinaw lill-imputat sabiex isellifhom il-flus u qalu illi huwa qatt ma heddidhom sabiex jithallas lura il-flus mislufa.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija volontarja (inserita a fol. 24 sa 26 tal-process) fejn huwa mal-ewwel ammetta li kien ilu madwar ghoxrin sena jsellef il-flus fuq l-idejn fuq perjodu ta’ bejn sitt xhur jew seba’ xhur u b’rata ta’ tletin fil-mija (30%). Huwa ikkonferma wkoll li notamenti li kien hemm fuq il-kotba li gew elevati mid-dar tieghu, kien ghamilhom hu u li l-kitba fuq dawn il-kotba kienet tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehdu diversi nies li kienu sellfu flus minghand l-imputat (vide xhieda ta' Joseph Cesare a fol. 37 u 38 tal-process, Raymond Psaila a fol. 39 u 40, Manwel Azzopardi a fol. 41 u 42 tal-process, Catherine Vella a fol. 47 sa 49 u Michelle Vella a fol. 53 u 54 tal-process) li filwaqt li lkoll iddentifikaw lill-imputat bhala l-persuna li minghandu kienu isellfu l-flus, qalu wkoll li kienu huma li avvicinaw lill-imputat sabiex isir is-self u li r-rata tal-imghax kienet mifthema bejniethom. Dawn il-persuni qalu wkoll li qatt ma gew mhedda mill-imputat sabiex ihallsu l-flus lura u dan anki meta kienu jaqbzu xi pagament. Dawn ilkoll ikkonfermaw li kienu hallsu lura l-ammont misluf lilhom u whud, bhal per ezempju Manwel Azzopardi qal li ma jridx lura l-imghax li hallas lill-imputat ghaliex il-ftehim bejniethom kien li jithallas imghax ghaliex l-imputat kien qalbu tajba u gieli sellfu l-flus minghajr ma talbu imghax. Raymond Psaila xehed li l-imputat ghamillu pjacir li sellfu l-flus u li huwa ma riedx li jittiehdu proceduri kontra l-istess imputat. Catherine Vella ukoll ikkonfermat li kienet hi li tablet lill-imputat sabiex ihenn ghalih u jsellifha xi flus u qalet li huwa kien hafrilha xi imghax meta hallsitu lura l-ammont dovut.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx l-icken dubju li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu. Del resto fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa mal-ewwel kien ammetta li kien ilu zmien twil isellef il-flus fuq l-idejn lill-persuni li kienu hekk jitolbuh u dan b'rati ta' imghax ferm oghla mir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) li tippermetti il-Ligi in kwantu jirrigwarda individwi. It-tieni akkuza wkoll tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi stante li giet esebita vera kopja tas-sentenza li ghaliha ssir referenza fit-tieni akkuza u saret id-debita konferma tal-identita' tal-istesssentenza permezz tax-xhieda tal-Ispettur Carlo Ellul (xhieda inserita a fol. 27 u s-sentenza relattiva tinsab inserita a fol. 28).

Il-Qorti qieghda ghalhekk issib lill-imputat hati taz-zewg akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena izda l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi:-

Il-fatt li l-imputat ikkopera mal-ewwel u bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Il-fatt li l-persuni li ssellfu flus minghand l-imputat ilkoll ikkonfermaw li kienu huma li kienu javvicinaw lill-imputat sabiex jissellfu l-flus minghandu b’rati ta’ imghax oghla minn dak li tippermetti l-Ligi u fil-fatt kwazi lkoll qalu illi l-imputat kien qed jaghmlilhom pjacir.
Il-fatt li l-imsemmija persuni lkoll ikkonfermaw illi l-imputat qatt ma heddidhom jew ezercita pressjoni sabiex jeffetwaw il-pagamenti.

Il-fatt li kemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, kif ukoll mid-dokumenti esebiti a fol. 66 u 67 tal-process jirrizulta li l-imputat ghandu l-kura u l-kustodja tal-erbat itfal minorenni tieghu u li l-omm ta’ dawn it-tfal, li minnha l-imputat huwa separat, jista’ jkollha influwenza hazina fuq il-minuri minhabba problemi li hi u s-sieheb taghha ghandhom ta’ abbuz mid-droga.

Il-Qorti wara li qieset dawn il-fatturi kollha jidrilha li m’ghandhiex tigi imposta piena karcerarja effettiva stante li dan jista’ jkun ta’ detriment kbir ghall-ulied minorenni tal-imputat u ghalhekk sejra tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u timponi biss piena pekunjarja qrib il-massimu li timponi l-Ligi.

Ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-Artikoli 18, 21 u 298C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 23(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligjiiet ta’ Malta ghandha tithallas f’rati mensili u konsekuttivi ta’ sitt mija u erbgha u disghin Ewro u hamsa u erbghin Ewro centezmi (€694.45) u b’dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Ottubru 2008. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi

priguneriija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull  hdax il-Ewro u hamsa u sittn Ewro centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti inoltre qed tordna il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti a fol. 17 sa 23 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------